



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 94/11
Il-Lussemburgo, 19 ta' Settembru 2011

Udienza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Ġurament ta' Mħallef ġdid fil-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea

Udienza solenni tad-19 ta' Settembru 2011

Wara r-riżenja ta' Teodor Tchipev, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ħatru, permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Settembru 2011, lil Mariyana Kancheva bħala Mħallef fil-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea, għall-perijodu mit-12 ta' Settembru 2011 sal-31 ta' Awwissu 2013.

Illum inżammet udienza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tal-ġurament ta' Mariyana Kancheva.

Mariyana Kancheva

Twieldet fl-1958; iggradwata fid-dritt mill-Università ta' Sofija (1979-1984); Master supplimentari fid-dritt Ewropew mill-Istitut tal-Istudji Ewropej tal-Université libre de Bruxelles (2008-2009); speċjalizzazzjonijiet fid-dritt ekonomiku u fid-dritt tal-proprietà intellettuali; Imħallef bi prova fit-Tribunal regionali ta' Sofija (1985-1986); uffiċjal ġuridiku (1986-1988); avukat iskritt mal-Kamra tal-Avukati ta' Sofija (1988-1992); Direttur ġenerali tal-Uffiċċju tas-servizzi għall-korpi diplomatiċi fi-ħdan il-Ministeru tal-affarijiet barranin (1992-1994); eżerċizzu tal-professjoni ta' avukat f'Sofija (1994-2011) u fi Brussell (2007-2011); arbitru f'Sofija fil-kuntest tas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet kummerċjali; parteċipazzjoni fir-redazzjoni ta' testi leġiżlattivi differenti bħala uffiċjal ġuridiku fil-Parlament Bulgaru; Imħallef fil-Qorti Ĝeneralni mid-19 ta' Settembru 2011.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tax-xandir li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-İstampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udienza solenni huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106